**JUNIOR LYCEUMS & SECONDARY SCHOOLS**

# ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

---

FORM 5 | RELIGION | Time: 1¾ hours

---

Name_______________________________________________ Class __________________

## L-EWWEL SEZZJONI

Wieġeb fil-qosor.

1. Semmi żewġ ħidmiet li jmorru kontra l-ħajja.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. Xi tfisser il-kelma 'Messija'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Għaliex il-bniedem għandu jibża' għal ħajtu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Bħala nsara, għaliex għandna nibżgħu għall-ambjent?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Għid min kiteb l-enċiklika RERUM NOVARUM u għid ukoll fuq xiex tittratta din l-enciklika?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. Xi nsejħulha l-ogħla forma ta' mħabba?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Semmi żewġ kawżi minn fejn tiġi l-vjolenza.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8. Għaliex l-abort volontarju huwa dejjem ħażin?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

9. Min hu msejjaħ biex isir qaddis?

10. Liema Kmandament jgħidilna biex inħarsu l-ħajja?

11. X'inhi l-kuxjenza?

12. Għaliex huwa importanti li aħna l-insara nirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof?

13. Kif seħħ nhar Pentekoste dak li kien wiegħed Alla permezz tal-profeta Ġoel?

14. Għaliex lill-Verġni Marija nsejħulha 'Omm Alla?

15. Xi jfisser iċ-ċurkett fis-Sagrament taż-Żwieġ?

(30 marka)

## IT-TIENI SEZZJONI

Agħti t-tifsira ta' dawn is-sitt pari ta' kliem biex turi d-differenza bejniethom:
(Eżempju: PARABBOLA u MIRAKLU . Parabbola = storja b'tagħlima li qal Ġesù .
Miraklu = ġrajja tal-għaġeb li għamel Ġesù.)

a). Dritt u Dmir.

b). Enċiklika u Pastorali.

c). Abort u Ewtanasja.

d). Dnub u Tentazzjoni.

e). Ġenoċidju u Omiċidju.

f). L-Immakulata Kunċizzjoni u Marija Assunta.

(12-il marka)

## IT-TIELET SEZZJONI

F'liema sagrament ifakkruk dawn is-siltiet li ġejjin?
(Eżempju: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi, ikollu l-ħajja ta' dejjem" = EWKARISTIJA)

1. "Sa mill-bidu tal-ħolqien, Alla għamilhom raġel u mara."

2. "Tassew ngħidlek li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u mill-Ispirtu s-Santu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla."

3. "Intom sirtu kristjijiet meta rċevejtu l-marka ta' l-Ispirtu s-Santu."

4. "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja."

(8 marki)

(ikompli wara)

## IR-RABA' SEZZJONI

Fuq karta separata wieġeb fit-tul għal TNEJN minn dawn l-erba' mistoqsijiet li ġejjin:

1. **"L-imħabba taf tistabar u tħenn... ma tagħmilx dak li mhux xieraq... ma żżomx f'qalbha għad-deni... "**(1Kor 13)

   a) Fisser it-tliet forom ta' l-imħabba u uri liema minnhom tixbaħ lill-imħabba li biha Alla jħobb lilna.
   b) Fil-ħsieb ta' Alla, xi kwalitajiet għandu jkollu ż-żwieġ nisrani?
   c) Għid x'tifhem b'adulterju. Uri kif dan jista' jħassar l-għaqda tal-koppja miżżewġa.
   d) X'differenza tgħaddi bejn separazzjoni u divorzju? Għid x'għallimna Ġesù dwar id-divorzju.
   e) Ġesù ma kienx miżżewweġ u b'dana kollu għex l-imħabba fil-milja kollha tagħha. Fisser kif xebba jew ġuvni jistgħu jixbħu lil Kristu f'din l-imħabba.

2. **"Alla biss huwa s-sid assolut tal-ħajja"**

   a) Kif jurina l-Ktieb tal-Ġenesi li kull ħajja ġejja minn Alla?
   b) Ikteb dwar **tnejn** mill-ħidmiet favur il-ħajja.
   c) Kif taħseb li għandek tieħu ħsieb saħħtek u ħajtek?
   d) Għaliex il-qtil huwa dnub mill-aktar gravi?
   e) Semmi u fisser tliet effetti negattivi li tista' tħalli l-media dwar ir-rispett lejn il-ħajja.

3. **" Ix-xogħol huwa mezz biex nissieħbu ma' Alla l-ħallieq fl-iżvilupp tal-ħolqien."**

   a) X'inhu l-iskop tax-xogħol fil-ħajja tal-bniedem?
   b) Semmi u fisser erba' mid-drittijiet li għandhom il-ħaddiema u d-dmirijiet li jmorru magħhom.
   c) Għid minn fejn jiġu d-dwejjaq u t-tbatija tax-xogħol.
   d) Semmi xi vizzji li wieħed jista' jaqa' fihom minħabba l-għażż.
   e) X'tista' tagħmel <u>int</u> biex tipprepara ruħek sewwa għax-xogħol tiegħek tal-futur?

4. **"Intom li intom mgħammda ilbistu lil Kristu."** (Gal 3, 27)

   a) Fisser fil-qosor xi tfisser il-frażi 'tilbes lil Kristu'.
   b) Agħti t-tifsir tas-simboli ta' **l-ilma** u tax-**xemgħa** li jintużaw fil-magħmudija.
   c) Semmi u fisser erba' effetti li tħalli fina l-Magħmudija.
   d) Fisser ir-rabta li hemm bejn il-Magħmudija u l-Griżma ta' l-Isqof.

(50 marka)